MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 514/2009

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Alexandra Mifsud u Mary Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi permezz ta’ digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-2 ta’ Jannar 2009, hawn esebit u mmarkat Dok A, Klaus Zinser, missier il-minuri ta’ erbgħa snin Lucas Mifsud, ingħata dritt illi jara lit-tifel tiegħu fit-tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5) ta’ Jannar 2009, għall-ħames siegħat, liema aċċess kellu jsir taħt is-

superviżjoni tas-*social workers* Denise Portelli u Josette Camilleri;

2. Illi, minħabba fin-natura tal-każ, il-missier kellu jiġi assistit mill-Marixxalli Emmanuel Stivala u Carmen Pisani, kif ukoll minn Pulizija mgħajta fuq il-post;

3. Illi, minkejja l-ordnijiet tal-Qorti, l-intimati xekklu lill-uffiċjali tal-Qorti kif ukoll lis-*social workers* imqabbda mill-Qorti milli jesegwixxu l-ordnijiet tal-Qorti u fixkluhom bl-intiża li l-ordni tal-Qorti jiġi eluż, a dannu ta' Klaus Zinser;

4. Illi rapport tal-aġir tal-intimati sar kemm mill-Marixxalli Emanuel Stivala u Carmen Pisani, kif jidher fl-anness Dok B u Dok C, kif ukoll mis-*social workers* Denise Portelli, kif jidher fl-anness Dok D u Dok E u Josette Camilleri, kif jidher fl-anness Dok F;

5. Illi permezz ta' digriet dina l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Jannar 2009, hawn esebit u mmarkat Dok G, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur sabiex iressaq fil-konfront tal-intimati proċeduri għall-finijiet tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha *ai termini* tal-Artikolu 995 u 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni ndikati fl-istess artikoli u tikkundannahom jew min minnhom għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn jew tlieta u tletin Ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330), jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimati jew min minnhom *ai termini* tal-Artikoli 995 u 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, inkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mary Mifsud preżentata fil-11 ta’ Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti Ċivili biex tiddeċiedi proċeduri li huma ta’ natura penali in kwantu jistgħu jwasslu għal piena jew kastig, saħansitra l-piena ta’ detenzjoni.

2. Preliminarjament, ir-rikors maħluf huwa irritu u null peress li Qorti Ċivili ma tistax tinfliġġi pieni liżivi tal-liberta’ personali.

3. Preliminarjament, mhux konsentit li tiġi inflitta piena ta’ priġunerija għal żmien sa xahar kif qed jintalab fir-rikors maħluf.

4. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju, peress li dawn il-proċeduri jitqiesu ta’ natura penali in kwantu jistgħu jwasslu għal piena jew kastig, l-esponenti qiegħda tinvoka d-dritt għas-silenzju kif ukoll *the privilege against self-incrimination.*

5. Illi f’dan il-każ ġew adoperati mezzi insoliti li kienu jinvolvu l-użu tal-forza minn żewġ *Social Workers* u żewġ Marixxalli tal-Qorti, bl-assistenza ta’ diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, biex isir l-aċċess għal tifel żgħir, kontra l-volonta’ tiegħu, mill-missier li hu Ġermaniż, li naqas u għadu jonqos mill-obbligu li jħallas manteniment għalih minkejja li hemm fis-seħħ digriet dwar ħlas ta’ manteniment, u li hu motivat b’kattiverja versu omm it-tifel.

6. Illi mhux minnu li l-esponenti u bintha Alexandra "xekklu" lill-uffiċjali tal-Qorti u lis-*social workers* imqabbda mill-Qorti bil-għan li jfixkluhom fl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-Qorti.

7. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta Mary Mifsud u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2011 fejn l-attur irrinunzja għat-talba fil-konfront ta' Alexandra Mifsud għalkemm żamm ferm it-talba tiegħu fil-konfront tal-konvenuta l-oħra;

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 illi permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti imressqa mill-attur wara li l-konvenuti kif spjegat fir-rikors impedew lill-imsemmi Klaus Zinser. Dan sar in segwitu għar-rikors tal-istess Zinser u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi l-konvenuta Mary Mifsud kif ingħad qed teċċepixxi fil-mertu illi mhux minnu li hi u bintha xekklu lill-Marixxalli tal-Qorti fl-eżekuzzjoni tagħhom; preliminarjament ressqet pero' diversi eċċezzjonijiet. Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel tlett eċċezzjonijiet huma għal kollox infondati għaliex l-artikoli imsemmija mir-rikorrent jgħidu l-oppost ta' dak li qed tgħid il-konvenuta.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru

2003) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta (JRM):

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. … Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt'. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu di l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni oħra tal-Qorti innifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Civili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – "**Il-Qorti vs Camilleri" Vol. LXXIV-iii-546**).

Illi mill-provi li tressqu quddiemha il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta Alexandra Mifsud għamlet minn kollox biex l-ordni tal-Qorti ma tiġix osservata u kien ċertament jistħoqqilha kull ma tipprovdi l-liġi; imma l-proċeduri fil-konfront tagħha kif ingħad ġew ċeduti. Fir-rigward tal-konvenuta Mary Mifsud il-Qorti jidhrilha illi billi dawn il-proċeduri għandhom mid-dritt penali, irid ikun hemm provi aktar konvinċenti biex tinstab ħatja tad-disprezz, għaliex huwa forsi naturali li omm tgħin lil bintha anke jekk din tkun qed tiżbalja. Jidher li kull ma għamlet kienet li bdiet

tgħajjat biex lil bintha iħalluha; iżda kif ingħad dan mhux fil-fehma tal-Qorti, atteġġjament li jwassal għad-disprezz tal-ordni tal-Qorti.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' s-sitt eċċezzjoni fir-rigward tal-konvenuta Mary Mifsud u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' Alexandra Mifsud minħabba dak li ġja' ngħad.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------